MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 523/2001/1

**John Abela Ltd**

**vs**

**Gollcher Co Ltd ghan-nom tad-ditta socjeta' estera Grandi Traghetti S.P.A di Navigazione u The Cargo Handling Co Ltd**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici:

L-attur huwa propjetarju tat-trailer No JAS 170 li wasal Malta fil-25 ta' Gunju 2001 fuq il-vapur M.V. Lince.

Illi dan it-trailer kellu hsarat li jikkonsistu fi landing legs li kienu mkissrin.

Illi l-attur sofre danni ta' Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin) rapprezentanti l-prezz tal-landing legs.

Illi dawn il-hsarat saru meta t-trailer kien fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

Preliminarjament illi t-talba attrici hija nulla u bla effett a tenur ta' l-artikolu 789 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu hija parzjalment indecifrabbli u b'hekk ma fihiex tifsira cara u sewwa tar-raguni tat-talba kontra s-socjeta' eccipjenti a tenur ta' l-artikolu 156 (1) (a), liema nuqqas johloq ukoll pregudizzju lis-socjeta' eccipjenti stante li ma tqieghdetx f'pozizzjoni li tiddefendi ruhha mill-allegazzjonijiet vagament diretti kontra taghha;

Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma insostenibbli stante illi s-socjeta' attrici hija nadempjenti a tenur ta' l-artikolu 65 tal-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni sehhew waqt li t-trailer de quo kien taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess container gie konsenjat lilha minghajr l-istess danni;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ntempestivi u s-socjeta' eccipjenti m'ghandhiex tbati spejjez;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra

Dan il-kaz jikkoncerna hsara fuq saqajn ta’ trailer li tghabba mill-Italja, sar it-tragitt lejn Malta u nhatt il-Marsa. Ma jirrizultax li meta tghabba l-Italja, gja kellu l-hsara jew li meta nizel minn fuq il-vapur, kien gja bil-hsara minn fuq il-vapur. Allura ta’ bilfors il-hsara saret fl-art u qabel ma hareg minn fuq il-moll - vide Joint Tally Sheet, esibita fit-12 ta’ Novembru, 2001 u Gate Pass Out (Dok CA1) esibit fil-24 ta’ Settembru, 2001.

Is-socjeta’ attrici hadet il-prekawzjoni li l-ghadha stess rtirat it-trailer kitbet mill-ewwel liz-zewg socjetajiet konvenuti: Dok CA2 esibita fis-seduta tal-24 ta’ Settembru, 2001. It-tnejn pero’ rrispondew li m’humiex responsabbli (Dok CA3 u CA4) esibiti fil-11 t’Ottubru, 2001. Ma jistax jigi allegat f’dan l-istadju li s-socjeta’ Cargo Handling Co Ltd ma kienetx taf b’xejn ghax bl-ittra taghha stess responsiva fil-10 ta’ Lulju, 2001, cahdet kull responsabbilta - vide xhieda ta’ Peter Bonello tal-1 ta’ Novembru, 2001.

Kienet informata ‘a tempo vergine’ u setghet taghmel, jekk riedet, kwalunkwe verifika li kien jidrilha opportun. Ghazlet it-triq tac-cahda li f’dan l-istadju trid tirrispondi ghaliha. It-Tribunal jadotta r-relazzjoni teknika u jaghmilha tieghu u jilqaghha fin-nuqqas ta’ prova kontrarja.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta’ konvenuta Cargo Handling Co Ltd bhala unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici, tillikwida d-danni fis-somma ta’ Lm250.00c (mitejn u hamsin lira Maltin), tikkundanna lis-socjeta’ Cargo Handling Co Ltd biex thallas l-istess somma lill-attur, tillibera lis-socjeta’ Gollcher Co Ltd fil-kwalita taghha premessa mill-osservanza tal-gjudizzju, bl-ispejjez kollha ghall-istess socjeta’ Cargo Handling Co Ltd u bl-interessi mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**